**Għax qbiżt fuqi?**

Minn dejjem nafek irrabjata
Mintix tinduna li qatt m'int stabbli?
Għaliex dejjem imtaqqla, imħawda?
Mingħalik ħa tweġġa' lill-qalbi?

Kun af li l-weggħa qed tagħmilha
Lil dawk imsejknin qalbek u moħħok,
Ghax illum jew għada kemm tiżbroffa
Il-weggha l'ghandek taf hi toqtlok.

Għal darba f'ħajtek kun għaqlija
Fittex l-għajnuna w l-ġerħtek ikkura,
Tibqax stinata 'mma issa isma'
Biex ma tibqax hekk sejra lura.

Wara kollox mintix ha tegħleb
Lill-pura u mqaddsa, il-verità,
Dak li ghandek imrassas fl-istonku
Oħorgu, ha thoss serenità.

Mingħajr ma tkun dragun feroċi
Li lest li jibla’ l’min hemm quddiemu,
U tara kif terġa’ lura għandek
‘l-paċi li l-bniedem irid f’jiemu.

U ara taħseb l’għandi għalik
Dan kollu qed nagħmlu biex inservik,
Għax għandek bżonn min tassew li jgħidlek
Ħa tibda tfiq u ħadd ma jgħid bik.

Din oħti għidilha l-imħabba
Li f’qiegħ qalbek muġugħa qed tokrob,
Nitlob għalik biex fl-aħħar tinfetaħ
Għall-ħniena t’Alla, lejk qed toqrob.

Tinsa’ qatt fil-ħajja li kollox
Li kulħadd jintem l-umli u l-kburi,
Qed nitolbok li tfittex l-għajnuna
Qatt taqbeż fuq ħaddieħor w fuqi.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta’ Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.